# L-IMNARA

GHAQDA TAL-FOLKLOR

No 10 1986

# L- IMNARA

BULLETTIN TAL- GHAQDA TAL- FOLKLOR

Vol. 2 No. 5 HARGA No.10 OTTUBRU 1986


WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| SEAMEN, SEALORE AND FRANCESCO ZAHRA | Angelo Dougall | 125 |
| DRAWWIET RELIGJUZI MALTIN | Lorenza Bonnici Cali' | 129 |
| IN - NISKATA | Dr. Charles Cassar | 133 |
| IL-KARNIVAL TA' TFULITI | Guzi Buontempo | 134 |
| ZWIEG MALTI FL-ANTIK | Kav. Rafel Bonnici Cali' | 139 |
| FOLKLOR MALTI FOST L-EMIGRANTI MALTIN | Angelo Dougall | 145 |
| RECENT BIBLIOGRAPHY OF INTEREST TO LOCAL FOLKLORISTS | Guido Lanfranco | 148 |
| LAQMIJIET - TARXIEN | Guido Lanfranco | 154 |
| KUMITAT 1986; INDIRIZZ TAL-PRESIDENT TAL-GHAQDA | | 155 |
| ATTIVITAJIET TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR | | 156 |


Il-kontenut ta' dan il-Bullettin huwa copyright, u xejn ma jista' jigi riprodott minnu minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Editur u l-awtur koncernat. L-Imnara li tohrog darba (jew darbtejn) fis-sena, kif ukoll l-Editur, huma ufficjalment registrati ghand il-Press Registrar, Kastilja.
L-Opinjonijiet espressi f'dan il-Bullettin, m'humhiex bilfors dawk ta' l-Editur jew tal-Ghaqda tal-Folklor, jekk ma jkunx specifikat li hu hekk.
Editur: Guido Lanfranco; Korrispondenza, artikoli, hlasijiet ukoll ta' shubija, jistghu jintbghatu lilu fuq ismu, f'78, Saint Trophimus Street, Sliema, Malta. L-abbonament/shubija fil-Ghaqda tal-Folklor huwa £ml fis-sena; l-Imnara wahdu huwa 30c, minbarra l-posta li hija extra. Hlas jista' jsir f'bolli tat-3c jew lc.
L-indirizz tas-Segretarju tal-Ghaqda huwa: "Grezz" Triq id-Dirsa, Attard. MALTA

# SEAMEN SEALORE AND FRANCESCO ZAHRA

by ANGELO DOUGALL

Earlier this year, an exhibition of works by the famous Maltese painter-architect Francesco Zahra (1710-1773), was organised by the Friends of the Cathedral Museum at Mdina; it has stimulated polemics and arguments about the artist. Among the many paintings, drawings and architectural designs exhibited, of particular interest is unquestionably his self-portrait, (Cat.No.27), a piece worth commenting about, because of a specific detail, noticeable to a folklore student. Well, folklore is folklore, and therefore calls for no scholarly requirements of documents or for provenance, as the research material of folklore is folklore itself, and provenance is sought from nowhere else, but the folks themselves. It is indeed a pity that in contemporary writings and critique, references to folklore, folk-tales, anecdotes, legends and customs are a' la mode, left out and poohpooed as if shameful, or taboo for such sources to be quoted from, this render writings unnecessarily colourless and boring. It is the aim of folklorists and folklore students , to study, record, document, compare, verify, analyse and classify all available material possible. This curious self-portrait by that giant of Maltese Art, could, at least be analysed from a folklore angle.

Zahra was born at Senglea, a small city rich and steeped in sealore, and everything imaginable connected with maritime art, trade, craft, traditions, customs, legends, and maritime history. He grew up and lived for many years of his adult life in that maritime city; visiting later in life as we could imagine, his respected and beloved parents, grandparents, relatives, friends,

admirers and patrons. A legend about him, still circulating firmly in pre-war Senglea, says that he sailed away, and lived, at least for a short while, in Naples, and also that he was a sea captain. On examining this curious self-portrait, it seems to convey some special message about himslef, and surely it is not difficult to grasp; it is too evident in one particular detail and is easier to understand than any documented material, a letter, a scribbled note, a journal entry or even a diary. But this evidence coulld only be pointed out through knowledge of sealore and seamen's customs.

<u>The Earing</u> Zahra's self portrait has been done at a very odd three-quarters angle, specifically to show his left ear. One could notice a small earing with a bluish-green gemstone ornament, possibly a turquoise. Another self-portrait so ably brought to public attention by Mr. E. Fiorentino, shows the artist reclining, as a hardy seaman among the shipwrecked crowd, in 'The Shipwreck of St.Paul', the altarpiece in the church os San Pawl tat-Targa, at Naxxar, (Cat.No.14). However, in the altarpiece, the artist is seen in full, right side profile showing no earing in his right earlobe. In both paintings he is seen as a good-natured, self-confident young man, clean-shaven, sensitive, bald, full of life and love for it, and a rather scrutinous person. But I woulld rather comment on the smaller self-portrait (Cat.No.27) in a private collection, which incidentally has got a replica in the Fine Arts Museum. In this painting the painter intentionally emphasizes his message; obviously he is telling us that he is a right-handed artist, and painting the Colosseum in Rome; he is wearing a cold-weather brown 'kabozza', and more, he is proudly showing an earing on his left ear-lobe, an ornate one, but not too ostentatious, however, it is not the plain gold earing normally donned by ordinary seamen. The turquoise could be the lucky gemstone of the Sagittarius born

(Demember 15); it seems that the stone is surrounded by tiny pearls which are considered lucky for sailors to wear. His ornate ring signifies that he has got some higher rank than an ordinary seaman.

Ancient Custom Seamen the world over, shared the same beliefs and superstitions; and there has been an ancient custom among seamen, sailors and fisherfolk, Maltese included, to have their left earlone pierced, and to don a small, gold ring. It was the professional trade-label of that hardy breed that plied the ocean waves, and the earing was regarded as a talisman against drowning. The belief was, that should the boat founder, a guardian angel will help the hapless sailor afloat, holding him by his golden earing. It was this earing that seafolk were prowd of showing, regarding themselves as a special race apart. It was until quite recently that this special privilege pertained only to that race of old salt; unlike nowadays when we notice such an ornament worn by young punks, hippies, landlubbers and other unworthies of the citizenship of Neptune's realm. The seamen's custom of wearing an earing on the left-side ear, was quite universal. During my early years in London(U.K.), in the early fifties, a young fellow-worker, an ex-fisherman from Cornwall, donned a small, hardly noticable gold earing on his left earlobe; he told me it is a custom among Cornish sailors, seamen and fishermen, and added that the same belief is held among them as to the one held among Maltese seafaring people. Perhaps the belief stems from mediaeval origin, and perhaps too, it superseded a far more ancient custom from pre-classical times.

Senglea Marina From time immemorial, it was a sort of ritual in the social way of life in Senglea, and a traditional custom for the citizens of that city to enjoy the leasurly 'passiggata' along its lovely marina during the cool summer evenings.

At that romantin 'ix-Xatt', one could get refreshed by the summer evening's breeze, while chatting about business and trade, indulging in town gossip, mingling with the hardy sailors, captains, slaves fisherfolk and bonavoglie against the magnificent backdrop of the Grand Harbour; Also observing the carousing sailors in the many taverns allong the marina, and enjoy an occasional fireworks display for which Senglea was then famous. It used to be a very busy creek in those days, full of tartanas, feluccas, galleys, galliots, speronaras and a host of other marine craft at anchor. One had to be too much of a landlubber were one to resist such a strong sea fever, and a temptation to be lured, some tome or anotherr, to jump on one of those boats at anchor and sail away for adventure or for a short trip abroad. For Francesco to visit Italy, the Mecca of artists and art lovers, surely must have been too great a temptation to resist.

Pictures are worth a thousand words, so the chinese proverb goes. One day, not too far, I am sure, some relative document will come to light and prove the sea adventure and connection between Zahra's left earing in his self-portrait and the Senglean legends about him. Our sea customs and sealore die hard, and are part of Malta's rich folklore heritage.

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# DRAWWIET RELIGJUZI MALTIN

minn LORENZA BONNICI CALI'

Xi kliem li ahna writna minn missirijietna, kif ukoll xi drawwiet, juru r-rabta ma twemmiena. Nghidu ahna, meta wiehed jitla fuq il-karrozza tal-linja jew vettura ohra, tarah irodd is-salib, haga li ghadna nqisuha bhala talba jew rahan, biex dak li jkun jehles minn xi disgrazzja, billi ta' spiss nisimghu bihom fis-sewqan. Ghalhekk ukoll fil-karrozzi gie li naraw xi xbiha ta' xi qaddis favorit jew protettur tas-sewwieq. Naraw ukoll li meta xi hadd jghaddi minn quddiem nicca ta' qaddis iehor fit-triq, isellem bil-kappell jew jaqla l-berritta, waqt li n-nisa aktarx iharsu lejn in-nicca u jghidu xi talba f'qalbhom. Is-soltu, l-ommijiet jghallmu lill-uliedhom zghar billi jsellmu x-xbihat tal-qaddisin u jghidulhom "Bus il-Bambin", u dlonk tara t'tfal ibusu b'idejhom stess u juru xxbiha. Ghat-tfal, il-kelma 'Bambin' tista' tfisser Alla, izda wkoll kwalunkwe qaddis iehor li jidher fix-xbiha.

Fost drawwiet ohrajn, hemm min jaqfel il-bieb ta' barra u waqt li jagghmel hekk, jaghmel is-sinjal tas-salib bil-muftieh fuq l-istess bieb biex all jhares id-dar minn kull deni. Drawwa ohra li tixbahha hija dik ta' xbiha mqaddsa mwahhla qrib il-bieb ta' barra tad-dar; din dahlet fostan f'dan is-seklu stess, izda fis-seklu ta' qabel kienet dahlet id-devozzjoni li fuq il-faccata tad-dar kienu jsiru nicec tal-qaddisin, xi drabi bil-fanal jixghel quddiemhom.

Id-drawwa ta' dawl jixghel u xi vazett bil-fjuri quddiem ix-xbiha fuq xi xkaffa fid-djar jew hwienet, quddiem il-Madonna jew qaddis iehor, hija antika hafna u ghadna nsibuha llum ukoll.

Ir-radd tas-Salib isir qabel kull haga; malli nqumu filghodu u qabel norqdu filghaxija, qabel ix-xoghol bhala talba biex ma nisbaljawx fix-xoghol taghna, u n-negozjant irodd is-salib meta jaghmel l-ewwel bejgh ta' kuljum, u f'qalbu jghid "Alla jibghatilna tajba llum". Il-mara tad-dar taghmel is-sinjal tas-salib fuq il-borma qabel tibda ssajjar biex Alla jkattar l-ikel u jservi ghall-familja kollha. Il-furnar tarah irodd is-salib fuq il-lenbi ta' l-ghagina biex din toghla u titkattar, u mbaghad meta jigi biex jahbez ixoqq is-sinjal tas-salib fuq kull hobza, forsi tifkira ta' meta Gesu tema' ghaxartelef ruh b'hames hobziet biss. Il-hobz huwa meqjus bhala l-"Grazzja T'Alla" u ghalhekk meta xi darba kienet tinsab xi bicca hobz mormija fit-triq, kont tara lill xi hadd jigbor din il-loqma mill-art biex ma tintirfisx taht is-saqajn; dejjem konna naraw rispett kbir lejn il-hobz, bhala sinjal tal-Providenza t'Alla. Gesu' stess dahhal il-hobz fl-akbar talba tal-Missierna, "Hobzna ta' kuljum ghatina llum..." u ghalhekk ukoll isir ir-radd tas-salib qabel l-ikel. Xi kok jew il-mara tad-dar, ma kienux jghidu "sejjer insajjar il-brodu.." izda "sejjer inrodd il-brodu" jigifieri li ser iroddu s-salib fuq il-brodu jew ikel iehor, kif ukoll kienu jghidu "ser inrodd il-borma".

Is-salib dahal ukoll fit-tizjin ta' l-ilbies, l-aktar fil-gizirana tad-deheb fuq in-nisa u l-irgiel, izda xi rgiel dahhlu wkoll id-drawwa tat-titqib bill-labar (=tattoo) biex ipingu xbihat tas-salib fuq sidirhom jew dirghihom. Il-kavallieri ta' San Gwann dejjem kienu juri is-Salib fuq l-ilbies u l-medalji taghhom. Ghandna proverbju li jghid "Min m'ghandux salib, ghandu domna.." fi kliem iehor, li Alla skond il-muntanja jaghti s-silg.

Izda is-sens religjuz fostna jidher l-aktar fi kliemnaskond ic-cirkostanzi li fihom imkunu ninsabu, bhal meta nisimghu li miet xi hadd, u nisimghu kulhadd kelma wahda, " Alla jahfirlu" jew "Alla jaghtih il-genna"; jekk dwar marid, jaghtuawguri bhal "Alla jaghtih dak li ghandu bzonn"; jekk isir terremot, nisimghu min jghid

"Alla jharisna mit-terremoti"; Jekk ikun hemm marda titliehed, "Alla jehlisna", u espressjonijiet ohra f'kull okkazjoni li tista' timmagina, bhal "il-mewt u x-Qxita Alla jaf meta","Alla jaf bina", "Allahares nixxarrab ghax m'ghandix libs'ohra","Alla jipprovdi","F'hajja t'Alla" Izda hemm min hu hazin, u jdahhal l-Alla fejn ma jixraqx, fost ohrajn nisimghu min jghid "F'hajja t'Alla miet zoptu Guze!"

Jissemma' wkoll Alla biex nuru l-kobor ta' xi haga bhal "It-tela' t'Alla u Ommu" triq wieqfa qrib in-Naxxar. Nuzaw l-espressjoni "Gesu' Marija" meta niehdu qata' jew naraw xi haga kerha, jew nibzghu minn xi hag'ohra. Gie li jghidu: "Il-Madonna kemm hija kbira l-koppla tal-Mosta!" jew "Santa Marija, kemm ghandu lsienu twil!"

Alla jidhol ukoll f'espressjonijiet ohra: "B'Alla ma jidhaq hadd", "Alla kbir wisq, hadd ma jista' jifhmu sewwa", "Kullma ghamel Alla kollu sewwa", "Dak li jrid Alla hadd ma jhassru", "Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi", "Alla jahseb f'kulhadd", "Alla jmexxi kollox", "Bil-ghajnuna t'Alla nasal fejn irrid", "Jekk Alla jrid..." (jew "'Kalla jrid"),"Inhalli kollox f'idejn Alla", "Alla mieghi!", "Alla jhallas lil-kulhadd", "Alla jbierek!", "Alla jharisna minn kull ghajn!" u bosta espressjonijiet ohrajn ghall-kull okkazjoni ohra li tistghu timmaginaw fejn il-Maltin idahhlu isem Alla.

Qabel kellna hafna tallaba jdurm mat-toroq ta' l-ibliet u l-irhula ihabbtu l-bibien tan-nies u jitolbu "Karita!" "Karita! ghall-erwieh sinjur!" Kienhemm min ihallihom ihabbtu u ma jiftahx il-bieb, u kienhemmmin jiftah u jghidilhom "Alla mieghek!", jigifieri "Ma nistghax nghinek". L-ghajnuna, meta kienet tinghata, kienet aktarx tkun xi loqma hobz li ttallab kien jixhet fic-curniena, izda t-tallab aktarx kien jistenna xi haga tal-flus zghira, imqar habba, l-isghar munita li kellna sa xi sittin sena ilu. It-tallab tghidx kemm kien idum jirringrazzja lill-min jghinu. Darba li ma ninsa qatt, tallab gie jhabbat bieb ta' sinjura habiba tal-familja taghna, u din taghtu sold(=c 4 millezmi), meta haddiehor aktarx kien

jaghti xi habba jew sitt habbiet; dan it-tallab qalilha " Grazzi hafna, hafna sinjura, Alla jzommok qawwija u shiha" ma keinetx kelma, ghax din is-sinjura hatfitlu s-sold min idu waqt li qaltlu: "Isam barb" (lill-foqra xjux kienu jsejhulhom barba jew barb)"itlob l-Alla jzommni shiha, izda mhux qawwija wkoll! Ma nistghax nimxi bil-hxuna u l-qawwa li ghandi fuqhi; ara issa ser naghtik zewg soldi jekk titlob l-Alla kif ghedtlek!" Dlonk newlitlu zewg soldi, u l-imsejken tallab baqa' jhares lejha, radd is-salib, u qalilha: "Ghall-erwieh, sinjura, Alla jzommok shiha u shiha u f'sahtek!" U hekk ikun, ghax Alla jisma t-talb tal-fqar...

---

# IN-NISKATA

Dr. Charles Cassar M.D.

Illum bosta huma dawk li jistaqsu x'inhi in niskata. Din hija sifjata mill-imhieher, u ssir bla tqabbid ta' nar. Meta kont ghadni zghir, iz-ziju kien jibghatni nixtrilu n-niskata minn ghand dak li kien ibiegh it-tabakk.

In-niskata kienet tkun imqartsa go pakkett zghir u maghmul minn tabakk mithun trab fin. Dan it-tabakk fin kien jitqieghed ta ht l-imnieher u meta dak li jkun jiehu nifs il-gewwa, kien idahhal dak it-trab fin g nifsehh. B'dan il-mod, kien jaghmel pipata bla duhhan. It-tabakk kien jinzamm fit-tabakkiera, li kienet tkun bhal kaxxa zghira tal-fidda jew ta' l-avorju. Jien kelli wahda minn dawn maghmula minn qarn tac-cerv; dawn kollha kienu jinghalqu u jinfethu sewwa. Certi tabakkieri kienu saru famuzi fl-istorja ghax kienu juzawhom ir-rejiet. F'certi muzewijiet issib kollezzjonijiet shah minn dawn it-tabakkieri famuzi.

Illum in-niskata inqatghet, u ghalhekk il-kelma bdiet issir rari u tintesa.

Kienhemm ukoll il-maghda. Dak li juzaw il-maghda kienu dejjem igerrmu u jomghodu bicca tabakk f'halqhom. B'dan il-mod keinu jteghmu t-tabakk xort'ohra. Itetipjip igib il-mard, ghalhekk noqghodu attenti kif u kemm inpejpu.

# KARNIVAL TA' TFULITI

minn GUZI BUONTEMPO

Kif jaf kulhadd, il-Karnival huwa zmien ta' blughat, cajt u ferh, zfin u xalar. Iz-zmien naturali tieghu huwa fi hrug ix-xitwa u dhul tar-rebbiegha. F'pajjizi nsara, l-Karnival dejjem kien isir qabel ir-Randan, zmien il-gabra u l-penitenza. Ghal gimgha shiha, l-poplu kien jizfen, jitbellah u jidhaq. It-triqat mimlija maskarati b'xi tamburlin tal-landa fidejhom, jitfaw il-perlini, kosbor u bcejjec tal-karta f'wicc in-nies; it-tfal, b'wicchom imgermed, libsin xi glekk ta' missierhom jew dublett ta' ommhom, jiggerrew minn triq ghall-ohra. Mat-triqat kien jindtema jidwi d-daqq tat-trumbetti, zmamar, sfafar... F'kelma wahda l-karnival kien zmien li fih wiehed jinsa ghal-ftit id-dwejjaq u l-problemi tieghu u jidhaq xi zewg dahqiet. Dari, b'xi mod kulhadd kien jiehu sehem, ukoll in-nies serji, min biex jidhaq, u min biex idahhaq. Tassew li xi kultant xi cajt zejjed kien iqajjem xi glieda, izda malajr kien jintesa u jghaddi kollox. Fil-Karnival kollox kien tollerat.

Jinghad li hawn Malta, il-Karnival dahal mal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Gwann, difatti, huwa maghruf li l-ewwel Karnival hawn sar fl-1560, meta ghadd kbir ta' igfna tal-princpijiet insara ingabru fil-port lesti biex isalpaw ghal-Tripli. Ghal din l-okkazjoni, il-Gran Mastru ta l-permess li jintlibsu il-maskri fil-publiku, haga li tat aktar kuragg lin-nies li johorgu maskarati fil-publiku bla misthija.

Naturalment, l-entuzjazmu tal-karnival fost il-popolazzjoni kien jirrifletti l-istat li kienet tinsab f'Malta dak iz-zmien. Il-karnival, bhal kull hag'ohra, maz-zmien biddel rixu u tilef hafna mid-drawwiet tieghu ta' dari. Ibda biex, il-poplu illum m'ghadux jistenna l-karnival biex jitbellah xi ftit; illum il-karnival is-sena kollha! Barra minn hekk, akta ma l-karnival beda jigi organizzat ufficjalment, il-poplu aktar deher li beda jitlef l-interess tieghu, wisq aktar issa li qed isir barra minn zmienu.

Il-karnival, dari konna nibdewh ahna t-tfal nhar il-Hamis fil-Giovedi' Gras. Konna nohorgu niggerrew mat-triqat b'wiccna mgermed bil-faham, libsin xi qalziet twil, inhabbtu xi laned u ghotjien ta' borom u kzazen. Ufficjalment, kien jibda is-Sibt filghodu bil-Parata. Il-parata hija zifna li tfakkarna fir-rebha tal-Maltin fuq it-Torok, u xi whud jghidu li hija zifna li dahhluha maghhom ta' L-Ordni. Iz-zeffiena kienu jkunu xi erbgha u ghoxrin jew tletin, min liebes ta' kavallier u min liebes ta' Tork, b'injama ghamla ta' xabla f'id wahda, u tarka fl-id l-ohra. Ma' dawn kien ikun hemm xi erba rgiel izommu lasta twila bil-bandiera, u bihom kienu jiffurmaw speci ta' recint li fih kienet issir iz-zifna. Tifla liebsa sabih, li tirrapprezenta l-Malta kienu jsejhulha l-gharusa tal-parata, u ma dan kollu kien ikun hemm xi zewg daqqaqa. Kien ikun hemm ukoll wiehed biex imexxi iz-zifna bit-tisfir tas-suffara. Iz-zifna kienet tispicca billi l-Maltin kienu jirbhu fuq it-Torok, u b'turija ta' ferh kienu jerfghu fuq idejhom lit-tifla, u din bi hlewwa kbira kienet titfa' bews lin-nies fost capcip tal-folla. Din il-parata kienet tibda mill-Main Guard, quddiem il-palazz tal-President, biex izommu t-tradizzjoni antika hafna, meta l-organizzaturi tal-Parata kienu jmorru jitolbu l-Gran Mastru il-permess biex isir il-karnival. Minghir il-'bandu' tieghum ma kienx jista' jsir. Minn hemm, il-parata kienet tkompli ddur mat-triqat tal-Belt.

Is-Sibt wara nofs inhar kien isir il-ballu tat-tfal fit-Teatru Rjal, jew fil-Kazin Malti. Kien ikun hemm mijiet ta' bniet u subien libsin ilbies sabih; bniet kienu jilbsu ta' pupi, nurses(dawn l-aktar moda wara l-ewwel gwerra dinjija), hafna minnhom bil-krinolin(dublett wiesa' qisu minfuh), kollha bil-ghatzza fuq haddejhom. Subien kien ikun hemm hafna minnhom libsin ta' kavallieri jew ta' ufficjali mit-tliet servizzi, ohrajn jimitaw lil-Charlie Chaplin, pierrot, ecc. Kien ikun fihom x'tara, ghax ommijiethom kienu jkunu qishom bl-imhatra min ilibbishom l-ahjar.

It-Tnejn wara nofsinhar kien ikun riservat ghad-danzi jew zfin tal-koppji bil-kostum, b'kompetizzjoni ghall-ahjar danza, fil-pjazza ta' quddiem il-palazz.

Il-Hadd u t-Tlieta tal-karnival wara nofsinhar, kien isir id-defile' jew sfilata tal-karrijiet. L-ewwel dejjem kien jghaddi il-karru tas-sulatan tal-karnival, li fl-antik kienu jsejhulu l-karru tal-Gran Mastru. Il-karrijiet ta' tfuliti ma kienux ikunu kbar daqs dawk ta' daz-zmien, u l-anqas ma kienu jkunu mekkanizzati, imma kienu jinhadmu bis-sena, brijuzi, u l-bicca l-kbira kienu jkunu bil-kumpanniji taz-zeffiena fuqhom, li kienu jqanqlu briju kbir minn kull fejn jghaddu. L-isfilata kienet tibda minn Putirjal, tghaddi minn Strada Rjali, u tieqaf fil-pjazza l-kbira ghaz-zifna. Ma dawn il-karrijiet kien ikun hemm ohrajn satirici biex iwaqqghu ghac-cajt lill-politikanti, u ohrajn ta' l-issuttar li kienu jaqsmu l-kulhadd bid-dahq, waqt li fuqhom kienet tinzel xita ta' mbarazzi, bhal bajd hazin, pastizzi, kosbor, perlini ecc. Ghadu jissemma' l-Konslu u shabu Manina, ic-Cemmec, u Toni Monsigneur fuq karrozzin zgangat ta' Karmnu Xjaten b'ziemel mghaddam u kaghkus li kien ifakkarni f'Ronzinante, iz-ziemel ta' Don Quixotte. Dawn, malli jaghmlu d-dawra ma' l-ohran, kienu jieqfu l-pjazza l-kbira u minn fuq wahda mill-funtani zghar li hemm f'kul genb tal-pjazza, kienu jaghmlu buffonati u fassa shiha.

Fl-isfilata, minbarra l-karrijiet kien ikun hemm ukoll il-maskri grotteski, u xi banded li kienu jdoqqu tilqita ta' marcijiet bicciet ta' valzijiet u opri, bhal 'bravu Cirillu', vera pot-pourri muzikali. Dawn il-baned kienu jghinu mhux ftit biex izommu haj il-briju tal-karnival. Popolari hafna fi zmieni, kienet il-kommittiva. Ghal habta tas-saghtejn ta' wara' nofsinhar il-banda ta' Indri' kienet tibda minn hdejn il-Knisja ta' San Duminku, Triq Merkanti il-Belt, tghaddi minn Triq San Nikola ghal Triq l-Ifran, ghal Triq Rkali, u tieqaf fil-kantunieri u fil-pjazez, iddoqq bcejjec li jinzifnu, b'hafna nies jizfnu maghhom.

Bosta li ma kienux jistghu imorru jizfnu fis-swali, kienu jmorru mal-Banda t'Indri'.

Differenza ohra bejn il-karnivali tallum u dak ta' xi hamsin sena ilu, hi. li qabel kienu jilbsu maskarati mhux biss it-tfal u dawk li jiehdu sehem fl-isfilata, izda hafna nies ohra li biex jifirhu u jferrhu kienu jilbsu maskarati. Dari kont issib hwienet li kienu jikru lbies tal-karnival, ghalhekk kont issib nies libsin ta' Domino' ta' kull lewn, ta' apache, ta' pjerott, ta' xjaten bil-foxxna, ta' fatati b'lizar abjad b'ras ta' mewt; ohrajn biex ma jonfqux flus, kienu jkunu rgiel libsin ta' nisa, u nisa libsin ta' rgiel. Dawn ta' l-ahhar kienu jidhru l-aktar it-Tnejn u t-Tlieta filghodu waqt li zwieghom kienu jkunu fuq ix-xoghol. Kultant kien jidher wiehed liebes ta' sajjied bil-qasba, u l-gewlaq mimli pastizzi tas-sitta l-wiehed. Trid tara x-ghors, it-tfal imqabbdin u joghlew mieghu biex jilhqu xi pastizz.

Drawwa ohra tal-karnival li dari kienet tigbed hafna nies, imma li ilha zmien li nqatghet, hija l-kukkanja. Jghidu li din dahhalha hawn Malta l-Gran Mastru Zondadari fl-1721. Jekk ma nizbaljax, fi zmieni saret biss xi darbtejn; ghal bidu kienet issir fil-pjazza l-kbira, izda meta din bdiet tintuza ghaz-zfin, il-kukkanja saret fi Pjazza Regina. Il-Kukkanja kienet speci ta' piramida dejqa u gholja hafna, kollha zkuk ta' sigar u haxix, u maghha kienu jdendlu hafna oggetti ta' l-ikel bhal xi fenek jew tigiega hajjin, xi bictejn perzut ta' l-ghadma jew zalzett, xi koxxa zghira ta' majjal jew qoffa bajd; ghadd ta' zaghzagh kienu jixxabbtu maghha, min jilhaq jiehu! Din ma kienetx xi haga hafifa, ghax il-kompetituri kienu jaghmlu minn kollox biex ifixklu l-xulxin. Min jaqa ma kien jigrilu xejn, ghax kien jigi fuq l-imtierah, fost it-tisfir tal-folla, dahq u capcip.

Matul il-granet tal-karnival, filghaxija, kienu jsiru hafna ballijiet, veljuni, fit-Teatru Rjal, fil-Manoel, fil-lukanda Phoenicea, u mkejjen ohra. L-aktar ballijiet maghrufa kienu dawk tal-Kumitat tal-Karnival, tal-Kazin Malti, tac-Civil, tal-Borza, tad-Dockyard, tal-Banek; Tal-Borza kien jissemma' l-aktar ghal hala ta' ikel u xorb.

Minbarra dawn, kienu jsiru wkoll il-ballijiet tal-partiti politici, tal-kazini tal-baned, u kazini ohra. F'dawn il-ballijiet aktarx li kienet tinzifen 'Il-Maltija', zifna ta' rahhala, b'disa movimenti differenti. Diz-zifna kienet brijuza u helwa hafna. Iz-zeffiena kienu jilbsu ta' Zepp u Grezz, ilbies tipiku tar-rahal taghna fl-antik; L-irgiel kienu jilbsu ilbies tal-bellus ahmar bil-parrokki bojod, in-nisa kienu jilbzu tas-satin jew harir bil-bizzilla, u xahrhom bit-terra. Ghal xi zmien, din iz-zifna kienet tiftah il-ballijiet uffic jali tal-palazz.

F'xi postijiet, iz-zfin kien isir barra t-triq, f'xi pjazza jew quddiem kazin tal-banda, bhalma kien isir fl-Isla. Ghadni nara l-Ganni Macikk(Alla jaghtih il-genna!) li kull sena kien jiehu hsieb imexxi il-kontradanza u jaghmel minn kollox biex izomm l-atmosfera ferrieha.

Fl-ahhar jum tal-karnival, x'hin joqrob nofs il-lejl, il-banda kienet tibda ddoqq galopp b'ritmu dejjem aktar mghaggel, bil-maskarati kollha qaqbzu jizfnu fin-nofs. Ma nofs il-lejl ezatt il-banda kienet iddoqq mortorju. Kienu johorgu tebut kbir u hafna libsin ta' mewt, waqt li il-maskarati kienu taparsi jinfexxu jibku u jixhru. B'hekk kien jintemm l-ors kollu tal-karnival!

L-ghada, Ras ir-Randa, kulhadd kien imur il-knisja ghall-irmied, u l-Hadd ta' wara', Hadd in-nies, filla kbira minn dawk li kienu maskarati imorru Haz-Zabbar ghall-pellegrinagg, b'riparazzjoni ghad-dnubiet li jkunu saru fil-karnival!

---

# ZWIEG MALTI FL-ANTIK

Kav.Rafel Bonnici Cali'

Il-ligijiet taz-zwieg saru sa mill-holqien tad-dinja, ghax iz-zwieg kien bzonn naturali biex il-bnedmin jghixu fil-paci bejniethom. Il-Bibbja ghandha l-isbah storja tal-bniedem, u fuq kollox insibu kliem Alla lil-ewwel bnedmin "Ikbru u oktru". Kristu ghallimna li z-zwieg huwa sagrament, rabta bejn ragel u mara li ma tinhall qatt hlief bil-mewt.

Kull gens ghandu d-drawwiet tieghu fit-tigijiet, li ghal-kemm jistghu jixtiebhu, ikun fihom ukoll xi drawwiet specjali. Ahna l-Maltin ghandna d-drawwiet taghna ukoll, u sejrin naraw xi haga dwarhom, ghax billi z-zmien ibiddel kollox, id-drawwiet taz-zwiegijiet ta' missirijietna gralhom l-istess.

<u>Il-bini tad-djar</u> Ghalkemm l-ewwel Maltin ghammru fl-eghrien, ma damux wisq biex sabu kif jibnu d-djar, imqar xi gabuba, u baqghu jibnu hekk sakemm irnexxielhom jaghmlu ta' kull ghamla u kobor. Il-benneja taghna, fil-medjoevo kienu waslu biex tawna djar bil-htigijiet kollha ghall-gharajjes, fost kollox bil-harriega tax-xebba li tilhaq biex tizzewweg. Il-harriega hija staffa fi hdan it-tieqa jew staffa zghira ma' genb it-tieqa, fil-faccata tad-dar, fis-sular ta' fuq. Tkun maghmula bhal gebla hierga mill-hajt, xi drabi mahduma f'ghamla ta' mensola, ghalhekk issemmiet harriega. Dien isservi biex fuqha titqieghed qasrija, b'xitla tal-qronfol jew warda ohra bhala sinjal, li f'dik id-dar hemm xebba ghaz-zwieg, biex b'hekk iz-zaghzugh jithajjar ghaliha. Ix-xebba ghalhekk, kienet tiehu hsieb li ssaqqi din il-qasrija, u jkollha skuza li tixref mit-tieqa kemm trid u forsi tigbed l-ghajnejn ta' xi zaghzugh li jghaddi minn quddiem id-dar. Zaghzugh bhal dan kien ikollu xi warda jew werqa fuq widintu bhala

sinjal li qieghed ifittex is-siehba. Jekk iz-zaghzugh ihares lejn ix-xebba u jitbissmilha, hija aktarx titbissimlu wkoll biex turih li ghandha gibda lejh, u titfaghlu werqa jew fjura mill-qasrija. Dan kien aktarx jigborha mill-art bhala sinjal li ser jerga' jghaddi mit-triq, u li x-xebba ghogbitu. Wara dan, huwa aktarx jara kif jaghmel ihajjarha tohrog mid-dar ghall-quddiesa jew biex tixtri xi haga mill-qrib, biex ikunhemm skuza halli jkellimha. Waqt dan kollu, ommha aktarx kienet tkun komp lici maghha fl-innamrar bil-mohbi.

<u>Il-huttaba</u> Jekk iz-zaghzugh ikun misthi, kien ikollu jinqeda b'huttaba, xi mara xiha maghrufa ghal -dan ix-xoghol li tirranga kollox malajr bejn iz-zewg familji. Hija kienu tkun taf x'ghandha taghmel, tfahharhom aktar milli haqqhom, sakemm "tressaq il-bocca hdejn il-likk", u taqla' xi sold minn fuq dahrhom. Hija tibqa ssus fuqhom sakemm issir ir-rabta u t-tieg halli tkun tista' taqla xi hag'ohra. Il-huttaba tajba taf tlaqqa' u taf x' jixraq, taf x'jghid Salamun"kull par ghall-par", u ghalhekk iz-zwieg bil-huttaba kien jirnexxi.

<u>Il-genituri kollox</u> Naturalment, il-kelma tal-genituri tax-xebba hija l-aktar li torbot jew tholl, ghax dari ix-xebba ftit kellha sehem fil-ghazla tas-sieheb, izda kellha l-ghaqal li tisma u tobdi l-missierha u l-ommha, li jridulha l-akbar gid, u generalment dejjem imxiet kif mexxewha huma. Dan kien jaqblilha ghal-hafna ragunijiet, fosthom ghad-dota li trid tiehu mill-genituri, u ghall-paci taghha stess fil-familja, u tas-siehb; m'hawnx isbah milli jsir tieg bil-kuntentizza taz-zewg familji. Fost il-proverbji li kellna dari, hemm "Il-baqra tajba tinbiegh f'pajjizha", ghalhekk qabel kull gherusija li kienet issir, erhilhom jistaqsu u jergghu jistaqsu dwar il-familja l-ohra li ma jkunux jafu sewwa; dari kienu jfittxu kollox; il-fama, il-kundizzjoni socjali, il-gid u il-mard tal-familja, ghax kienu jemmnu li kollox jintiret, tajjeb jew hazin.

Ir-rabta Iz-zewg zaghzagh ma tantx kienu jistghu ikellmu l-xulxin fiz-zmien qasir tan-namur bil-mohbi, izda l-huttaba kienet twitti t-triq, biex il-genituri tax-xebba jistiednu lin-namrat u l-familja tieghu fid-darm halli ssir ir-rabta (illum nghidulha l-"engagement") dejjem bi ftehim li jkun hemm gherusija qasira kemm jista' jkun; ghalhekk ir-rabta kienet issir meta id-data tal-gherusija kienet tkun ga miftehma. Ix-xebbiet ta' dari kienu aktarx ikunu jafu jahdmu hwejjighom huma stess, u erhilhom ihitu l-lozor u l-bjankerija taghhom imzejnin bil-bizzilel u xi drabi bir-rakkmu mahdum minnhom stess. Il-hwejjeg ta' fuq biss kienu aktarx jithallew biex thithom xi hajjata maghrufa. Dakinhar tar-rabta, l-gharusa tigi mwissija minn ommha kif ghandha ggib ruhha ma' l-gharus, fost affarijiet ohra biex tekllmu bil-hlewwa, ghalhekk kienet tiddilkilha xuftejha bil-ghasel. (dan kien iservi wkollbiex hi ma tissugrax tbus lill-gharus, ghax dan l-ghasel jikxef kollox, billi jdellek wicc-l-gharus; illum hawn il-lipstick!) L-gharus u l-gharusa kienu jxiddu l-ahjar ilbies ghal din il-laqgha fid-dar ta' l-gharusa. Xi drabi, fil-laqgha kien ikunhemm ukoll il-kappillan u xi hbieb, u wara l-gharajjes jaghtu rigal lil xulxin ikun hemm xi ftit helu u xorb. L-gharus kien jaghti zewg hutiet friski, u f'halq wahda minnhom kien ipoggi curkett tad-dehb, waqt li l-gharusa kienet taghtih maktur irrakkmat. Meta hut frisk ma kienx jinsab, kien ikun bizzejjed li jsibu figolli ghamla ta' huta, ghax kien mahsub li l-hut igib ir-risq, haga li aktarx tnisselt mill-grajja ta' Tobija, li ibnu sab is-siehba wara' li l-anglu Rafel qallu biex jaqbad huta mix-xmara ; storja kurjuza ta' kif l-anglu laqqgha din l-gherusija; kurjuza wkoll kif Tobija fieq minn marda f'ghajnejh bid-dlik tal-fwied tal-huta. Minn dawn il-grajjiet, aktarx li tnissel it-twemmin fir-risq li jgibu l-hut, u ghalhekk l-anglu Rafel intaghzel bhala protettur tal-gharajjes. Dan l-Anglu Rafel kien tassew huttab tajjeb!

<u>It-tieg</u> Lejliet it-tieg kienet issir il-kitba taz-zwieg minnutar f'dar l-gharusa, fejn jinkiteb kollx dwar id-dota li l-missier u l-omm ser jaghtu lil-binthom, bhal bini, ilbies, art, flus, ghamara, bhejjem, ecc.. u l-gharus ukoll jghid x'ser igib mieghu biex ikunu jafu sew, jekk kienx ikunhemm bizzejjed biex dawn l-gharajjes godda jkollhom biex jghixu. L-gharus ukoll kien iwieghed xi gid dotarju lill-gharusa, waqt li kien irid joqghod ghax-xewqat ta' l-gharusa li generalment kienu jkunu li jehodha ghal xi festi li thobb, bhal l-Imnarja, San Girgor, San Gwann. Dawn kienu wkoll jinkitbu fil-kitba taz-zwieg, biex jorbtu lill-gharus aktar milli l-gharusa. Il-genituri tal-gharusa u ta' l-gharus, issa kellhom id-dmir li jmorru jistiednu lill-haddara ghat-tieg. (illum jintbaghtu biljetti stampati,inviti, bil-posta)

Nhar it-tieg li aktarx kien isir nhar ta' Hadd jew festa ohra, filghodu, dejjem fil-parrocca ta' l-gharusa. Kienu jingabru l-haddara kollha f'dar l-gharusa, kollha b'l-ahjar ilbies, u kienu jiehdu maghhom x'ser jieklu fuq il-mejda ta' nofsinhar, aktarx xi tigiega ga msajra fi platt. Ghall-hobz, inbid, helu u affarijiet ohra, kienu jahsbu l-genituri ta' l-gharusa.

Fil-hin miftiehem, il-haddara jiehdu sehem fil-processjoni ta' l-gharusa li kienet tibda b'zewg daqqaqa u ragel iehor jghanni tifhir lill-gharajjes, bhal kemm hi helwa l-gharusa, kemm hi liebsa sabih, kemm gejja minn familja tajba, u tifhir iehor ukoll lill-gharus, li kien jitqabbel dak il-hin stess. Irgiel ohrajn kienu jimxu wara l-ghannej u d-daqqaqa, wiehed b'qarcilla jew kannestru fuq rasu, bi ftira jew 'cake', u qaghqa mdendla minn zigarella minn fuq spaltu; iehor, ukoll bil-qaghqa u z-zigarella kien ikollu kannestru bik-lewz u helu, u figura tal-madonna jew qaddis iehor, u l-helu kien jitqassam fit-triq lura mill-knisja; sadattant kien jitghatta b'maktur kontra d-dubbien. It-tielet ragel kienizomm bacir bl-incens biex ifewwah it-triq.

Il-qofol tal-processjoni kien ikun fejn jaslu l-gharajjes mexjin hdejn xulxin, u fi zmien wisq antik kienu jimxu taht baldakkin ahmar b'erbgha lasti mizmumin minn irgiel l-aktar hbieb tal-familja. Il-baldakkin kien aktarx dahal mill-uzanza tal-kbarat gharab, izda, inqata' meta beda jintuza fil-processjonijiet tal-knisja bosta snin ilu. L-gharajjes imdawrin minn nieshom kienu jidhlu fil-knisja mill-bieb tan-nofs bid-daqq tal-qniepen u l-orgni, u Alla hares ma jkunx hemm min idoqq l-orgni, ghax dan kien ifisser risq hazin. L-gharajjes kienu jmorru quddiem l-altar taht il-lampier fejn itejjighom il-qassis. Billi dari l-mistoqsijiet mill-qassis kienu jsiru bil-latin, l-gharajjes kienu jwiegbu la taljana "sinjor si"(iva, sinjur). Wara l-quddiesa kien jinghata rigal lill-qassis, kannestru b'xi ikel u fliexken b'imbid mill-ahjar. Wara din ic-cerimonja kienet tibda il-processjoni lura lejn id-dar. Hawn l-gharusa kienet tkun wiccha mikxuf, filwaqt lejn il-knisja kienet wiccha mghotti b'velu rqiq, uzanza ohra origini gharbija. Malli din il-processjoni kienet tasal id-dar, xi hadd minn fuq il-bejt jew tieqa kien iwaddab xi ftit qamh ghal fuq l-gharajjes b' sinjal ta' risq, u xi drabi kienu jiffaw ukoll xi bcejjec flus zghar, u t-tfal jitqabdu fuq xulxin biex jehduhom.

Il-mejda Il-haddara kienu joqghodu mal-mejda ma' l-gharus, waqt li l-gharusa tidhol tiekol wahedha f'kamritha. Meta jiekol kulhadd, kienet tohrog meta jaslu ghall-inbid. Hawn l-gharus kien iferra' tazza nbid, jixrob nofsha, u l-kumplament tkomplih l-gharusa. Jekk hi titlob lill-gharus biex tizfen, dan kien ikollu jizfen ukoll, halli ma jkunx jaf kif, fost id-daqq ta' strumenti apposta. Il-haddara kienu jkomplu maghhom u jizfnu wkoll biex jallegraw l-okkazjoni. Generalment fl-irhula mhux zfin kien isir, izda jghannu waqt li l-gharusa kienet toqghod bilqeghda tilqa r-rigali f'hogorha. Dawn kienu aktarx xi haga tad-deheb jew flus. Wara dan kienet tintemm il-festa tat-tieg, u kulhadd imur lejn daru, ukoll l-gharus, imur ghand ommu, u l-gharusa tibqa'

ghand ommha sakemm issir il-harga, wara ftit taz-zmien iehor.

Il-harga Tmintijiem wara' t-tieg, l-gharus kien imur biex jiehu lil-martu ghad-dar tieghu, li tkun ga lesta u mzejna bl-ghamara u kulma jinhtieg. Dak inhar l-gharusa izzanzan libsa ohra tissejjah tal-harga, ghax tkun harget minn dar ommha. Dawn l-gharajjes friski, jum il-harga, jmorru jieklu ghand il-genituri ta' l-gharus fejn jiltaqghu iz-zewg familji, u wara dan l-gharajjes imorru f'darhom il-gdida. Fid-dar il-gdida, l-gharusa toqghod attenta li tidhol hi l-ewwel wahda, minhabba li kienu jahsbu li jekk jidhol l-ewwel ir-ragel, il-mara tkun is-seftura, mhux is-sid. Twemmin iehor kien, li ghar-risq tajjeb, l-ewwel ikla fid-dar il-gdida ghandha tkun bil-hut. Dan kien jghodd tghodd l-aktar ghas-sinjuri, ghax il-fqar kienu jaghmlu tieg hafif minghajr lussu, aktarx filghaxija, minghajr quddiesa, u biss bic-cerimonja "tal-kunsens", billi jghidu is-"sinjor si" lill-qassis li jbierek it-tieg fl-isem t'Alla.

Il-karita' Imma Alla hanin u dejjem jipprovdi! Ghalhekk xi ghonja hallew fondi biex jinghataw bhala dota lix-xebbiet fqar li jridu jizzewgu; dawn il-legati tad-dota gew imhollijin lill-Knisja biex tamministrhom hi, skond l-ordnijiet tal-fundaturi stess. Fost dawn insibu, li fost il-kbarat ta' l-Imdina, fl-1565 kienu hargu l-flus biex waqqfu l-"cumolo della carita'" ghad-dota tal-fqar, bhala weghda biex Malta tohrog rebbieha mill-assedju l-kbir ta' dik is-sena. Ghonja ohra ghamlu legati ghal nieshom, jew ghall-foqra tal-parrocca, jew ghal dawk li jridu jtejgu f'certi knejjes jew f'certi festi specjali, u b'hekk xebbiet fqar sabu ghajnuna fid-dota. Hekk imxiet id-dinja, u nisperaw li tkompli, ghax il-prividenza t'Alla hija bla qies.

# FOLKLOR MALTI FOST L-EMIGRANTI MALTIN

minn ANGELO DOUGALL

Ma jdumx wisq wiehed biex jinduna kemm il-folklor malti baqa' marbut ma' qalb l-emigrant malti, issibu fejn issibu, ghal-kemm jinsab boghod minn art twelidu, u kemm baqa' jghozzu b'senti menti kbar. Dan jirrifletti mhux biss in-nostalgija, izda wkoll l-imhabba lejn pajjizu. Fost l-emigranti li hallew dawn il-gzejjer taghna, hafna drawwiet mhux talli ma nqatghux, ukell jekk ilhom ghexieren ta' snin jghixu f'dak il-pajjiz li addottaw, saru pati minnu, saru nanniet u buznanniet fih ukoll, imma katar donnhom irawmu fihom l-entuzjazmu lejn il-folklor ta' pajjizhom. Il-folklor taghna baqa' mad-drawwiet religjuzi fil-hajja ta' l-emigranti, fil-harsienta' festi tar-rahal minn fejn gew, fl-ikel Malti u tizjin ta' djarhom. Baqghu jirrakkontaw l-istejjer ta' tfulithom, u xi drawwiet tal-folklor lill-uliedhom u lill-ulied uliedhom; baqghu izommu superstizzjonijiet li hadu maghhom waqt li ziedu wkoll superstizzjonijiet godda li laqqtu mill-pajjiz il-gdid. Kull fejn hemm imxandar minn fuq ir-radju tal-lokal programmi etnici, u jkunhemm xi programm Malti, tiska xi haga fuq il-folklor Malti u tifsir dwaru, u fuq drawwiet folkloristici.

Izda l-aktar li wiehed imur il-hsieb tieghu fuqu meta jissemma l-folklor malti, minghir dubju hu l-ghana Malti, u l-muzika folk-loristika taghna. F'Detroit, f'Michigan fil-U.S.A., fejn eluf ta' Maltin kienu emigraw fil-passat, u issa jinsabu mxerrda f'dik il-belt u s-subborgi taghha u bliet ohra fl-istat ta' Michigan, il-ghana Maltibaqa' miftakar u jitghanna minn emigranti Maltin u

Ghawdxin, u ghandu hafna nies dilettanti u akkaniti ghalih. Jigu organizzati serati kbar tal-ghana Malti fil-kazini Maltin u f'gonna privati ta' djar fl-iljieli sajfin, serati twal ta' ghana fid-difa tal-lejl, f'ambjent tassew li mhux Malti.

Gol-belt ta' Detroit, l-aktar bniedem maghruf ghal-dan hu Karmnu Xuereb, In-Namru, u mieghu il-hbieb u shabu tan-Namru Station; dan il-Kâbb tieghu hu maghruf bizzejjed mhux biss fost l-emigranti ta' Michigan, u ta' hafna bliet f'Ontario, fil-Kanada, imma wkoll minn emigranti , minn amerikani u nies etnici ohra, ghaliex dawn id-dilettanti tal-ghana Malti jinsabu mnizzlin ufficjalment f' Direttorji etnici ta' folklor etniku f'Detroit. Gie li xi drabi, fost il-barranin, dawn is-serati ta' ghana Malti jigu riferiti bhala kant ta' "Maltese Westerns" ghalkemm kieku aktar tixraq u toqghod l-espressjoni folkloristika Amerikana "Maltese Hootenanny", ghaliex proprju hekk jaghmlu l-ghanneja Maltin, sewwasew bhal kantanti Amerikani, ta' l-istati ta' isfel ta' l-Amerka, serati ta' kant folkloristiku li huma jsejhulhom "Hootenanny", kelma, li hadd ma jaf kif u mnejn dahlet fil-vokabularju taghhom.

Serati ta' l-Ghana jsiru fl-Imnarja, fix-xalata ta' Santa Marija, li ssir ta' kull sena meta l-emigranti Maltin minn Detroit u nhawi ohra ta' Michigan u minn Ontario fil-Kanada, imorru bil-vapur fuq ix-xmara Detroit ghax-xalata, f'Bon-Lo; hemm iqattghu sat-tard, gurnata fil-Luna Park, jew fil-park ghad-dell tas-sigar, u max-xtut tax-xmara, jieklu ikel Malti, jixorbu, u jorganizzaw loghob ghat-tfal, u xi gruppi jingabru f'postijiet ghall-berah fejn jaghtuha ghall-ghana, daqq tal-kitarri u daqq tal-prejjem. Il-muzika tal-prejjem hija apprezzata hafna mill-Maltin u t-tfal taghhom li twieldu hemm, li l-ilsien Malti ftit li xejn jafuh, kif ukoll minn dawk li m'humiex Maltin. M'ghandniex xi nghidu, l-ghana Malti jsir f'hafna hargiet ohra fi granet ta' btala pubblika meta jerhulha ghall-ghadajjar ta' Kensington Park, fl-imsagar u parks ohra ta' dik l-art immensa. Jekk ikollna nigbru f'tape

recordings u kitba tal-ghana kollu li jsir, ma nispiccaw qatt. Dawn il-gruppi dilettanti ghanneja u daqqaqa huma tassew habrieka u dejjem sejrin

<u>Ghanja Ckejkna</u> Xi drabi gara, li xi emigrant garr fil-memorja tieghu minn xi rahal jew razzett imwarrab, xi ghanja li kien jiftakar minn zughritu. Fiz-zmien li jien kont nghix f'Detroit, kont membru, u fi zmien ukoll fil-Kumitat, tal-Maltese American Benevolent Society ta' dik il-belt, u kien ghall-habta tar-rebbiegha tal-1970, waqt li kont fuq mejda tal-bar tal-Kazin, nitkellem ma' xi hbieb, gbart mill-art daqsxejn ta' karta. Fuqha kienhemm imharbxin bil-lapes xi numri ta' l-imhatri tat-tigrijiet taz-zwiemel li kellhom isiru fit-trakka ta' Detroit f'dik il-lejla; fuq il-karta kienhemm ukoll ghanja ta' zewg strofi miktuba b'kaligrafija qadima u bla rfinar. Ma nafx min kien li seta' kitibha; nisthajjel li kien Ghawdxi, ghax fiha kienhemm imdahhla l-kelma 'muntanji'. Din l-ghanja siefret mill-gzejjer taghna f'qalb xi emigrant. Fiha nhossu tfawwar il-hegga taz-zoghzija, li qeghda tkellimna b'maturita', bil-versi taghha mimlijin bl-imhabba u l-hlewwa tal-kelma Maltija. Gbartha qisni sibt gawhra prezzjuza. Xtaqt kieku sirt naf min seta' kitibha, izda fost dawk il-hlejjaq kollha li jkunhemm fil-bar ma kienetx haga hafifa.

Billi kont midhla sew tan-Namru Station, u bqat nghozz ir-rispett u l-hbiberija li kellhom lejja, darba kont qrajtielhom biex fosi nsir naf min kitibha. Hadd minn dawk li kienu hemm ma seta' jtarrafli xi hjiel, ghalkemm fosthom, xwejjah Ghawdxi mix-Xaghra qalli, li din l-ghanja kien semaghha fi tfulitu fir-rahal tieghu:

L-Ghanja:

Ejja l-hawn. la tibzax minni,
bil-katina ma norbtokx;
norbtok biss bl-gheruq ta' qalbi,
u minnha mhabbti ma thollokx.

Nigri wrajk u tigri wrajja,
gol-muntanji u qalb il-blat,
sakemm hadt bewsa minn fommok,
il-passjoni ruhi rat!

---

# RECENT BIBLIOGRAPHY

OF INTEREST TO LOCAL FOLKLORISTS (Part 8)

collected by Guido Lanfranco


Christmas

Grima Jos.Some Maltese Christmas Customs.Democrat 22-12-84
Il-Christmas Caroms.Lehen is-sewwa 22-12-84
Bugeja Jos.The Legend of the Christmas Stocking.Democrat 22-12-84
Attard,J.M. Ic-Celebrazzjoni tal-Milied. Il-Hajja 22-12-84
Bianchi Carm. Il-Kartolini tal-Milied.Hajja,19-12-84
Kats,Ann Rose, Cribs in the Bavarian Museum. Democrat 15-12-84
Zahra,Frans,Meta l-Milied Kien Kontra l-Ligi.Mument 16-12-84
Ostrowidzki,Victor,Christmas Traditions in the US.The Times,15-12-84
Clark,Bill.Story of First Christmas Gifts.The Times,15-12-84
Camilleri Jos.C.Maltese Christmas.Sunday Times,9-12-84
Cordina Joe,The Gagazza Crib,Sunday Times,9-12-84
Ftit minn Hawn u Minn Hemm Draw il-Milied,Xehda Ghasel,Nov-Dec,'83
Wettinger,Lino,Drawwiet Antiki Fil-Milied;Excelsior,Gharghur,Dec'85
New INterest in Crib-Making;The Times,16-12-85

Easter/Holy Week/Slaleb/Kurcifissi

Agius,Mark;Procession of the Holy Cross in Valletta;The Times 3-5-86
Aquilina George;Il-Gimgha l-Kbira tal-Belt;1986(166pages)
Terribile,Tony,Slaleb u Kurcifissi fit-Toroq Maltin,Lehen,22-3-86;29-3
Azzopardi,Geraldu,L-Ghid il-Hamsin 53 sena Ilu;Torca,3-7-83
Satilem,Il-Festa ta' l-Ghid il-Kbir; Hajja,9-4-85
Zahra,Lorenzo;Tifkiriet tal-Gimgha l-Kbira mill-Birgu,In-Taghna 4-4-85
Clews,Chrales;Il-Bajda tal-Ghid; Torca,7-4-84
Gimgha l-Kbira fir-Rahal Gdid;In-Taghna,29-3-85
Bonavia,Joe;Processjoni tal-Gimgha l-Kbira fil-Kattidral t'Ghawdex serje,Hajja,Mejju'85
Festa tad-Duluri; Hajja 27-3-85.
Grima,Joe;Statwarji u Skulturi Maltin tal-Vari tal-Gimgha l-Kbira serje f'Il-Mument,Frar-Marz.'85

Gimgha l-Kbira f'Hahal Gdid;Mument 31-3-85
Triq tal-Golgota fil-Gwardamanga; Mument 31-3-85
Grima,Joe;Some Overseas Good Friday Manifestations;Democrat,30-3-85
Dimech John;Drawwiet u Armar tal-Vari tal-Gimgha l-Kbira,Mosta.
Vari tal-Gimgha L-Kbira,Malta u Ghawdex;Lehem,6-4-85 Mosta Jan-Apr'85
Terribile,Tony;Id-Duluri fit-Toroq Maltin;Lehen,23-3-85
Vella Apap,Nikol;Folklor tar-Randan Madwar il-Bazilika ta'San Gorg.
Bonnici Cali'Rafel;Ir-Randan Ta' Tfuliti;Hajja,22-2-86 Lehen,22-2-86
Agius,Mark;Holy Week in Valletta;The Times,27-3-86
Buttiegieg,Michael;Qima lill-Lizar Ta' Kristu fir-Rabat;Hajja,31-5-86
Kurcifiss Gdid fil-Knisja tal-Qala;Mument,16-3-86
Last Supper Tables Democrat,22-3-86
Grima,Joe;Harassment of Jew in Holy Week in Malta;Democrat,22-3-86
Satilem;Id-Drawwiet tal-Gimgha Mqaddsa;Hajja,18-3-86
Bonnici,Alexander; Il-Purcissjoni tal-Gimgha l)kbira ta' L-Isla Mument,23-3-86

<u>Karnival/Hadd in-Nies</u>

Il-Karnival fl-Imghoddi; In-Taghna,6-5-86
Bonavia,Karm;Devozzjoni,Hajr,Talb,Drawwiet(Hadd in-Nies;Hajja 22-2-85

<u>Kandlora,St.Gregory,Mnarja,Viaticum</u>

Bonnici-Cali,Rafel;Il-Kandlora;Lehen,2-2-85
Zahra,Frans;Is-Sittin Sean tal-Processjoni ta'S.Girgor;In-Taghna 2-4-86
Bonnici Cali',Raf.;San GirgorDari u Llum;Lehen,6-4-85
Agius,Mark;San Girgor Procession,The Times,8-7-86
Zahra,Walter;San Girgor Penitential Procession;The Times,22-4-86
Sant,Carmel;San Girgor Penitential Procession;The Times,6-5-86
Agius,Mark;The San Girgor Procession;The Times,2-4-86
Bonnici Cali',Raf;L-Imnarja,Sotrja,Folklor,Poezija;Lehen,29-6-85
Agiud,Albert;Mnarja Celebrations get Bigger & Bigger(Austr.)The Times, 9-8-86
Valla Apap,Nikol;Il-Vjatku,Ghawdex;Lehen,14-6-86
Vella Apap,Nikol;Il-Festi u L-Vkatku;Lehen,31-5-86

Marian Devotions

Bonnici Cali',Raf. Ir-Ruzarju fl-Arti Maltija;Lehen,6-10-84

Bonnici Cali',Raf. Ir-Ruzarju,Talb,Vari u Fratellanzi;Lehen,5-10-85

Vella-Apap,Nikol;Ir-Ruzarju fit-Triqat u L-Imsierah fir-Rabat T'Ghawdex; Lehen,28-9-85

M.B.;Il-Processjoni ta' Stella Maris Taghlaq Mitt Sena;In-Taghna 23-8-86

Terribile,Tony;Marija Assunta fit-Toroq Maltin;Lehen 10 & 17-8-85

Bonnici-Cali',Tifkiriet ta'Mejju;Lehen,4-5-85

Azzopardi,Gwann S.J.;Madonna ta' Pinu,Storja u Devozzjoni;Hajja 21-6-86

Bonnici Cali',Raf.Drawwiet Marjani tal-Poplu Taghna;Il-Mosta,Lul.'85

Bonnici Cali',Raf.In-Nicca Antika tal-Lunzjata,Tarxien;Lehen,10-5-86

Bonnici Cali',Raf.Is-Seba'Santa Marijiet ta'70 Sena Ilu;Lehen,9-8-86

Vella Apap,Nikol;Il-Qima Lejn il-Madonna tal-Karmnu fil-Knisja ta' Santu Wistin,fir-Rabat ta'Ghawdex;Lehen,19-7-86

Bonnici Cali',Raf. Il-Festa tal-Vitorja,Devozzjoni u Folklor Malti; Lehen,8-9-84

Bonnici Cali'Raf.Il-Festa tal-Vitorja, Devozzjoni u Folklor;Lil-Hutna,Lul-Dic.1984;

Xbieha tal-Madonna tal-Mellieha f'Kartagni,Tunez.Lil-Hutna,Lul-Dic.84

Festa tal-Madonna tal_Grazzja;Il-Hajja,12-9-84

Clews,Charles;Il-Bambina ta'40 sena Ilu;Torca,11-9-83

Bonnici,Alexander,L-Ewwel Processjoni bl-Istatwa ta' Marija Bambina Grajja ta'300 sena Ilu; Mument,8-9-85

Bonnici Cali,Raf.;Santa Marija ta'Awwissu;Lehen,10-8-85 In-Taghna 15-7-85

Cioffi,Joe;Zvilupp tal-Qima Lejn il-Madonna tal-Karmnu tal-Belt.

Cremona,Giovanni;Bidu tad-Devozzjoni Lejn il-M.tal-Karmnu;20-7-85

Festa tal)lunzjata f'Kercem;Hajja 2-4-86

Cremona,Giovanni,Is-Sibtijiet tal-Madonna tal-Karmnu,Hajja,7-6-86

Vella Apap,Nikol;Il-Lunzjata:Tifkiriet,Hsibijiet;Lehen,23-3-85

Parish/Titular Saints

Grima,Joe;St;Lawrence of Vittoriosa;Democrat,15-3-86

Terribile,Tony; Parrocca S.Marija Assunta,Dingli;Hajja,16-8-86

Bonnici,Alexander;Mitejn Sena Ilu l-Parrocca ta'l-Isla Saret Kolleggjata Lehen,17-5-86

Grima,Joe;St.Philip of Zebbug(Malta);Democrat,31-5-86
Grima,Joe;Santa Marija of Bir Miftuh;Democrat,17-5-86
Grima,Joe;The Gozo Cathedral;Democrat,19-5-86
Grima,Joe;St.Helen of Birkirkara;Democrat,16-8-86
Grima,Joe;St.George of Qormi;Democrat,21-6-86
Bonnici,Alexander;Knisja ta'S.Marija tas-Sokkors,Bormla ssir Parrocca; Raba Centinarju,1586;Mument,8-12-85
Terribile,Tony;Il-Parrocca ta'L-Assunta,H'Attard;Hajja,12-8-86
Terribile,Tony;Parrocca ta'San Guzepp,Kalkara;Hajja;12-7-86
Terribile,Tony;Parrocca ta'SanGuzepp,Msida;Lehen,19-7-86
Borg,Mikiel;L-ewwel Centinarju mit-Tqeghid ya'L-Ewwel Gebla tal-Knisja Parrokkjali,SanLawrenz,Ghawdex;1886-1986;Lehen,9-8-86;16-86
Terribile,Tony;Parrocca tas-Salvatur,Lija;Hajja, 2-8-86
Terribile,Tony,Parrocca ta'Sant'Andrija,Luqa;Hajja,5-7-86
Terribile,Tony;Parrocca ta'San Giljan;Hajja,30-8-86
Terribile,Tony;Parrocca Santu Wistin,il-Belt;Hajja,26-4-86
Terribile,Tony;Parrocca ta' San Publju,Furjana; Hajja,12-4-86
Galea,Biagio;Ghaliex il-Knisja tar-Rabat tissejjah 'San Pawl Barra s-Swar; Mument,15-6-86
Cordina,Joe;Il-Hamrun u l-Festa tieghu;In-Taghna,7-8-86

<u>Other Devotions Towards Saints</u>

Galea,Michael;San Mikiel u Malta,Devozzjoni u Storja;Lehen,29-9-84
Terribile,Tony;San Mikiel Arkanglu fit-Toroq Maltin;Lehen,28-9-85 26-10-85
Scicluna,Anthony;Il-Grajja ta' San Giljan l-Ospidalier;1985,36pages.
Camilleri,Victor;Sant'Agata Patruna ta'Malta;Lehen,1-2-86
Mangion,FrancescolSant'Anna fil-Folklor Malti;Il-Mosta,Sett-Ott.'84
Bonnici Cali',Raf.;L-Infietah ta' San Pietru;Lehen,28-6-86
Zammit,George;L-Universitalita'Tal-Kult ta'S.Gorg;Lehen,28-6-86
Terribile,Tony;San Pawl fit-Toroq Maltin;Lehen,28-6-86;12-7-86;15-2-86
Bonnici Cali,Raf.;Ir-Rigal Ta'S,Elena;Lehen,12-4-86
Camilleri,Victor;Il-Qima lejn il-Patruna S.Agata;Lehen,2-2-85
Bonnici Cali,Raf.;San Publju ta'Malta,Storja,Devozzjoni,Folklor Lehen,18-1.86;25-1-86

Sant'Andrija u l-Kult Tieghu;In-Taghna,30-11-84

Historicus; X'Sar Minn S.Publju; In-Taghna,22-1-85

San Publju u Malta; korrispondenzi, In-Taghna,15-I-85

Bonnici Cali,Raf.;San Nikola tal-Venturi,Storja,Folklor,Arti; Lehen,22-12-84

Nikol Aquilina;Il-Manna ta' S.Nikola;Is-Siggiewi,Gunju'85

Bonnici Cali',Raf.;San Martin fil-Folklor;Lehen,10-11-84

Bonnici Cali',Raf.;San Guzepp "Ix-Xih" u L-Haddiem;Lehen,27-4-85

Fenech,Edward;Festa Ta'Santa Rita fil-Buskett;Hajja,12-6-86

Galea,Biagio;Il-Grotta ta'San PawlKienet Habs?;Hajja,7-7-86

<u>Superstitions</u>

Ellul Micallef Mario; Numerologija u Superstizzjonijiet;Mument27-7-86

Farrugia Paul;Mill-Hajja Maltija fis-Seklu Tmintax; series,weekly, in Il-Hajja, 18-4-86 to 16-8-86;e.g.:Twemmin fl)ghajn Hazina, Fejqan mill-Ghajn,Talb u Superstizzjoni fil-Kura tal-Ghajn, Drawwiet dwar ix-xorti fiz-zwieg,Sharijiet biex tintrebah l-imhabba, Is-Sahhara, Amuleti kontra ferimenti, Hajja Qalb il-misilmin, Is-seher, Il-Harba, Apostati Maltin.

<u>Miscellaneous</u>

Massa Alfred:Il-Gahan ta' Bingemma ta' Francis Ebejer;Hajja 5-4-86

Francis Ebejer; Origins of Gahan;The Times, 9-1-86

Lanfranco,Guido; Trasport minghajr Magni;Sereis in Saghtar,Oct.85 to May'86;e.g.:Il-Portantina,Il-Kaless,Il-Karozzella,Il-Katalett,L-Omnibus,Karrozzin,Karrettuni tax-xoghol,Karru tal-Mejtin,Ghall-passiggati.

Lanfranco,Guido; Il-Hadida tal-Moghdija; Il-Gojjin VI,Oct.'85

Lanfranco,Guido;Lewwel Hjiel dwar Glormu Darmanin;Il-Festa tas-Sultana Taghna(tas-Sacro Cuor),June'86;Glormu Darmanin,L-Iskultur li Ghamel Il-Vara tal-M.Tas-Sacro Cuor;Lehen il-Banda Sliema,June'86;Gerolamo Darmanin,Recalling a Forgotten Artist; The Times, 10-7-86;

Lanfranco,Guido; Il-Quccija; Civilization No.25,Nov.'85; Confraternity of the Blessed Sacrament,Civilization No.27,Ap.'86 Series Popular Picture From Life.

Leaver,Arthur;Fascinating story of Lace-Making in Malta;The Times 19-12-85

Vella Apap,Nikol;Il-Hanzira u l-Minestra ta' L-Ewwieh;Lehen,2-11-85

Bonnici Cali',Raf.;Ghandna l-Banda bid-Daqq;Lehen,16-11-85

Dixxiplina Gdida tal-Knisja Dwar Okkazjonijiet ta' Tberik;Hajja 17-7-86

Il-Bizzilla, In-Taghna, 11-Settembru,'84

Bonnici Cali',Raf.;Ghid ta' L-Imwiet; Lehen, 27-10-84

Cassar, Anton;Il-Faham tal-Marsa; It-Torca, 24-2-85.

Cassar,Paul;An Ex-Voto of the Plague of 1813;Proc.Hist.Wk 1983,(1984)

Camilleri, Joseph C.;The Maltese Coffer;Sunday Times,10-2-85

Clews,Charles; Il-Helu Ta' Dari; Torca, 16-10-83.

Dougall,Angelo; Rafel Bonnici Cali' Bhala Folklorista;Mument,21-7-85
Clews, Charles;Jahasra..Biex Konna Nilaghbu! Torca,12-5-85
Clews,Charles; Gugarelli Perikoluzi; Torca, 16-6-85.
Lanfranco,Guido;Folkloristic Aspects of Exhibition at Mdina Cathedral The Times24-6-8
Zammit, Ganni;L-Ghonnella; Torca, 27-11-83
Fenech,Natalino; Il-Girna;Vittma tal-Progress?;In-Taghna,19-7-85
Ellis,Eileen;17th Century Maltese Wedding;Sunday Times,4-5-86
Cassar Pullicino,J.;Maltese Folklore Review;Sunday Times,7-7-85
Ellul Galea,Karmenu;Il-Festi Popolari Taghna;Hajja,26-7-86
Porsella Flores,J.;L-Ewwel Ta'Settembru;Lehen,30-8-86,I & II
Satilem;It-8 ta' Settembru.2-9-1986Hajja;
Satilem;Il-Festi;Hajja,21-5-85
Festi u Drawwiet Ohra Maltin;Mument,5-5-85
Bonnici,Alexander;It-Tigrijiet tad-Dghajjes;Mument,1-9-85
Friggieri,Oliver;Quddiesa bl-Ghana Ghall-Imnarja fir-Rabat;Lehen 29-6-85
Mifsud,Tony;Il-Quddiesa Bil-Ghana Malti;Lehen,28-6-86
Senecio;Il-Hmir Maltin; Mument,8-6-86
Attard,Anton F.;Ghasafar u Tajr fil-Qwiel u l-Hrejjef; Ir-Rih fis-kacca u s-sajd; etc..Series in Il-Passa.
Lanfranco,Guido;Recent Bibliography(Folklore);Mnara,1985,1985
Media Centre, Kalendarju 1985,Ilwien u Twemmin
Promotions Centre, Calendar 1985;19th Century Way of Life by Maltese Artist C.V.Brockdorff.
Promotion Services;Calendar 1986,Maltese Costumes by Michele Bellanti,1808-1883
Perfecta Advertising,Calendar 1986,Maltese Folklore from original paintings by Edward Caruana Dingli.
Media Centre;Kelendarju 1986;from watercolour paintings of local landscape, by Giuseppi Cassar.
Ghirxi,Frans;Kappelli u Knejjes Zghar f'Pajjizna;Torca, Series'84-5
Miftuh 'Annex" tal-Muzew tal-Folklor f'Ghawdex.Hajja,10-4-85
Bonnici Cali',Lorenza;Tijatrin tat-Tfal;Mnara 8,1984
Cassar,Charles;Il-Faqqus il-Hmar; Mnara,8,1984
Lanfranco,Guido;New Customs in Holy Week;Mnara,8,1984
Buontempo,Guzi;Il-Gimgha L-Kbira Kif Niftakarha Jien;Mnara,8,1984
Bonnici Cali',Raf.; Folklor tal-Funerali;Mnara,8,1984
Livori,Victor;Drawwiet Ghawdxin li Nqatghu jew Qeghdin Biex;Mnara 8.
Bonnici Cali,Raf.;Kif Iduru L-Ismijiet;Mnara,9,Nov.1985
Buontempo,Guzi;Ftit Mid-Divertiment ta'Qabel il-Gwerra;Mnara 1985
Cassar,Charles;It-Tqala u t-Twelid; Mnara 9,Nov.1985
Bonnici Cali',Lorenza;Faqar Veru u Faqar Falz;Mnara 9,Nov.1985
Camilleri,Joseph;Malta's Oldest Good Friday Procession;Manara 1985

# LAQMIJIET - TARXIEN

Minn GUIDO LANFRANCO

Fl-1981 kont hajjar studenti fin-New Lyceum, Msida, biex jaghtu aktar kaz ta' l-aspetti folkloristici ta' l-irhula taghhom; ghalkemm kienu studenti tax-xjenza livell avvanzat, hadu nteress fil-folklor, u gbart diversi dettalji. Wiehed minnhom, C.Hannaford, minn Hal Tarxien, bil-ghajnuna tan-nanna u l-buznanna tieghu, gabarli xi informazzjoni dwar xi laqmijiet, u bil-ghajnuna tieghu, ghalhekk, hawn qed innizzilhom biex jistghu jintuzaw aktar il-quddiem ghal xi investigazzjonijiet dwar niesna. Dawn il-laqmijiet huma biss minn bicca triq qasira. Jibdew minn hdejn il-knisja ta' Santa Marija, fi Triq Santa Marija, u jaslu sa qabel tibda Triq Tarxien, qrib is-salib. Hdejn il-knisja ta' S.Marija: Tan-nicca; mal-genb l-iehor tal-knisja, Tal-Kiku minflok Mari ta'Maketta; inkomplu lejn l-isqaqien Ta'Makuka; Ta(Lonzu(iben tan-Nicca); Sqaq No.2: Ta'Xebba l-poplu; wara Tac-Cina, Tal-Labak, Tat-Tabibu, Tal-Manajs, Tas-Sufa, Ir-Roknisa; Sqaq No.3: Ta'Fazolu, Peppa tal-Bajduna, Ta'Cavett, Tas-Suffara, Tax-Xaghru, Ta'Parutti, Ta'Pasasi; wara Ta'Jok; Sqaq No.4: Ta'Cappettu; Felica tal-Klasis; Tal-Kus; wara: Ta'Cappettu, Tal-Boy, Tal-Bux, Ta'Natu, Tar-Ratal; wara Sqaq 5, Tal-Grann(il-Furnar); Sqaq 6: Il-Gudjana, (Tal-Basktijiet), Tax-Xaqqi; wara: Ta'Rasmondu; Sqaq No.7: Ta' Yok; wara: (dawk li jobormu s-sigarretti); tal-Magni. Naqsmu it-Triq, faccata tas-sigarretti, u nibdew mexjin sa qabel taqbad triq Betta, insibu: Tas-Slajs, Il-Markiza, Ta'Pinu, Tal-Bajduna, Tad-Dgimanta, Ta' Kaneni, Tal-Barun(Karmena), Ta'Kacija, Ta' Bedudu, Ta'Kasuba, Lonza Ta'Bedudu, u kif tasal Rock Street hemm l-ghajn ta' l-Ilma u Tal-Mazuni.

---

KUMITAT TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR, GHAS-SENA 1986

President: Guido Lanfranco; Vici President: Jos.Buontempo; Segretarju Onorarju, Alfred Fenech; Assistent Segretarju Onorarju: Angelo Dougall; Tezorier Onorarju:Marcel Zammit Marmar';Membri: Alfred Galea, Marija M.Pisani, Jos.Porsella Flores.
Presidenti Onorarji: Guzè'Cassar Pullicino, Dr.Charles Cassar, Dr.V.M.Pellegrini, Kav.Rafel Bonnici Cali.

INDIRIZZ TAL-PRESIDENT TAL-GHAQDA,Dr.V.M.Pellegrini, GHAS-SENA 1985, li nqara fil-Laqgha Generali tal-5 ta' Marzu,1986.

Sur President Onorarju,Sinjuri Membri,

Jekk ghadkom tiftakru, is-sena li ghaddiet, jiena ma kontx prezenti ghas-seduta generali minhabba ragunijiet ta' sahha, izda fil-generozita' taghkom, onorajtuni billi eleggejtuni bhala President ta' Din l-Ghaqda tal-Folklor Malti. Dana ghamiltuh, billi l-fundatur/president ta' qabli, it-tabib Charles Cassar, kien huwa wkoll, minhabba ragunijiet ta' sahha, talabkom biex tezentawh mill-kariga ta' president effettiv, u intkom, filwaqt li ilqajtu ix-xewqa tieghu, ghogobkom tonorawh bhala president onorarju. Ghalkemm meta jiena sirt naf bil-karika gdida tieghita' president,hassejt f'qalbi li ma hadajtx inzid risponsabbilita' ohra ma' dawk li ga kelli; b'dana kollu, biex naqdi l-din l-Ghaqda, bqajt sieket, u ghamilt hilti kollha biex ma nonqosx dan id-dmir gdid tieghi.

Irrid nistqarr, li il-ftit li ghamilt president nafu lil-habrieki membru taghna Guido Lanfranco li zammni infurmat b'dak li kien qed jigri, iffissa hu, il-laqghat taghna, zamm il-minuti u bghatli kopja taghhom, fi ftit kliem wiehed jista' jghid li kien hu il-president effettiv u jiena kont biss il-'figurehead'; ghal din l-ghajnuna tieghu nizzihhajr pubblikament f'din is-seduta generali u nirrikmanda lilkhom, u nitlob lilu li jaccetta biex fil-votazzjoni li gejja tahttu lilu bhala president, ghaliex hu, tabilhaqq ir-ruh ta' din l-Ghaqda li hi tant ghal-qalbu u li jahdem tant bil-qalb ghall-progress taghha.

Jiena, fil-qosor tal-karika tieghi ghamilt li stajt biex ninkuraggixxi l-membri biex ihejju artikoli dwar il-folklor Malti li bit-thabrik tal-membru taghna Angelo Dougall inkunu nistghu nippublikawhom fi ktieb b'illustrazzjonijiet xierqa, u b'dahla li fiha tkun registrata l-fondazzjoni tal-ghaqda u l-attivitajiet li s'issa wettqet. Gew d'idejja l-artikoli tal-Kav.Raf.Bonnici Cali dwar l-ex-voto,ta'Jos.Buontempo dwar l-irxoxt tal-Belt Valletta, xoghol iehor li ghadu mhux komplut, ta'Maria Pisani dwar kostumi Maltin u jiena sawwart artikolu dwar il-bizzilla ta' Malta, li

minbarra r-ricerka li ghamilt jien, gheni wkoll Angelo Dougall, li ghad irid jaghtini wkoll l-artikolu tieghu dwar ir-regatta fl-imghoddi u llum. Ghandi nahseb, li membri ohrajn, u specjalment Guido Lanfranco, ghandhom xi haga lesta huma wkoll, izda jinhtieg li din tasal ghandi mill-aktar fis biex infassal il-ktieb, billi mhux ta' min ihalli din l-okkazjoni tahrab a dannu lill-Ghaqda; kulhaddjifhem li meta dan il-ktieb ikun pubblikat bl-ingliz, iservi ta' riklam ghall-Ghaqda, ta' gieh lill-art twelidna, u ta' rizors finanzjarju li tkun tista' l-quddiem timpjega f'attivitajiet siewja dwar il-folklor Malti.

V.M.Pellegrini

XI ATTIVITAJIET TAL GHAQDA U L-MEMBRI TAGHHA

16-5-86 'Table-show' mis-Sur G.Lanfranco ta'oggetti ta' interess folkloristiku ghall-membri u l-hbieb;f'dar il-kultura,il-Belt,bil-kortesija tal-Grupp Arkeologiku Malti.
25-5-86 Ir-rotta tal-ferrovija kellha tigi murija lil-min jattendi, mill-Belt sa' l-Imtarfa.
8-6-85 Kav.Raf.Bonnici Cal i ghamel wirja ta' xogholu fil-Muzew tal-Katidral,Mdina,fejn kellu bosta kwadri b'interess folkloristiku.(ara bilbljografija f'din il-pubblikazzjoni)
26-10-85 Il-president tal-Ghaqda,G.Lanfranco,fetah il-wirja tal-Hobbies Society fil-Hamrun u ghamel indirizz ghall-okkazjoni. Guido Lanfranco ukoll kellu dawn l-attivitajiet ta' nteress folkloristiku:Ghamel ghall wirja sett tal-vari titulari tal-parrocci kollha ta'Malta u Ghawdex,li hadem hu stess mit-tafal, fil-wirja tal-Hobbies Society,Oct.'85, fil-wirja tal-Festazaghzagh li saret fil-Fair Grounds in-Naxxat Nov.1985, u fil-kazin tal-banda ta' Hal-Lija Gunju 1986. Ghan-nom tal-Ghaqda tal-Folklor, ghamel 4 programmi intervisti sarulu minn C.Caccopardu CableRadio,dwar l-Ghaqda tal-Folklor u l-Folklor Malti,fis-sensiela 'In-Namra' Marzu 1986,ghamel tahdita lis-senior citizens Floriana dwar Folklor Malti. Dicembru 1985, irrapprezenta l-Ghaqda tal-Folklor billi ezibixxa tpingijiet dwar Drawwiet tal-Milied f'Malta, u presepji originali. 26-11-'85, fuq Radio France,"De France Culture" gie intervistat dwar leggendi, kostumi Maltin taht "Les Memoires de Malte" 22-11-85: Gie intervistat minn Martine Vanhove,Franciza, dwar leggendi u stejjer ta'Gahan. Fuq Cable Radio, ghamel ghadd ta' 80 programm, intervistat minn Peter Paul Ciantar fis-serje"Mill-Gzejjer Maltin ma'Guido Lanfranco", bosta minnhom dwar aspetti tal-folklor lokali. 19-10-85;intervistat fil-programm"Misterji Madwarna", fuq it-twemmin fil-Ghajn mill-poplu malti. 13-386 ghamel tahdita dwar folklor lis-senior citizens tal-Hamrun(Kuncizzjoni). 10-18 Mejju'85, ezibixxa bosta mudelli ta'trasport Malti fil-wirja tal-Hobbies Society li saret fil-Kazin tal-Banda ta' Stella Maris Sliema. 28-6-86 Ghamel Tahdita dwar l-Imnarja lill-Youth Travel Circle fil-Buskett. Ezibixxa mudelli ta' processjonijiet fil-knisja tas-Sacro Cuor,fil-Festa,Lulju 1986.

---

# DRAWWIET TAL-MILIED FIL-GZEJJER MALTIN



GABRA TA' HAMES TPINGIJIET BIZ-ZEJT FUQ STIL TA' ARTI POPOLARI, DWAR DRAWWIET TAL-MILIED, U TLIET PRESEPJI ORIGINALI ZGHAR MAHDUMIN MINN GUIDO LANFRANCO

IPPREŻENTATI MILL -

## GHAQDA TAL-FOLKLOR

MISTIEDNA BIEX TIPPARTEĊIPA FIL-WIRJA TAL-

## HOBBIES SOCIETY

INAWGURATA FIT-23 TA' DICEMBRU 1985

102 TRIQ ID-DULURI, HAMRUN

L-GHAQDA TAL-FOLKLOR GIET MISTIEDNA BIEX TIPPARTECIPA F'DIN IL-WIRJA TAL-HOBBIES SOCIETY, BIEX FILWAQT LI JKUN HEMM AKTAR KO-OPERAZZJONI BEJN GHAQDIET KULTURALI, TIPPROVA THAJJAR AKTAR NIES BIEX JURU INTERESS FID-DRAWWIET U TRADIZZJONIJIET MALTIN BHALA WIRT MISSIRIJIETNA. MIN-BARRA DAN, L-EZIBITUR TA' DIN IT-TAQSIMA TAL-FOLKLOR, HUWA MEMBRU TAZ-ZEWG GHAQDIET, U JISTA' JURI KIF XOGHOL TA' L-IDEJN ORIGINALI TA' TPINGIJA U IMMUDELLAR HUWA POSSIBLI F'KULL QASAM TA' STUDJU. L-GHAQDA TAL-FOLKLOR KIENET IPPARTECIPAT GHALL-EWWEL DARBA FUQ STEDINA BHAL DIN, FL-1983 B'SETT TA' GHOXRIN TPINGIJA DWAR FOLKLOR MALTI. FL-1984 IPPARTECIPAT UKOLL B'SETT TA' MUDELLI LI JURU KULL TIP TA' TRASPORT F'MALTA. DIN IS-SENA QED TIEHU PARTI BILLI QED JIGU MURIJA HAMES TPINGIJIET BIZ-ZEJT DWAR DRAWWIET TAL-MILIED F'MALTA, U TLIET GHAMLIET TA' PRESEPJU CKEJKNIN, WIEHED GO GEWZA, WIEHED GO FLIXKUN KBIR, U IEHOR STIL MODERN BIL-KOR TAL-CAROLS U NIES JARAW PRESEPJU TAL-PATRIJIET. DAWN KOLLA, F'KULL OKKAZJONI GEW MAGHMULIN ORIGINALI MINN GUIDO LANFRANCO, LI GHALKEMM HUWA BIJOLOGISTA GHANDU BOSTA HOBBIES, INKLUZ INTERESS FIL-FOLKLOR.



IL-HAMES KWADRI JURU:

1. GHANNEJA TAL-MILIED FIL-KNISJA FL-ANTIK
2. IL-PRIEDKA TAT-TIFEL LEJLIET IL-MILIED
3. NIES JINVIZTAW PRESEPJU GHALL-WIRI
4. IL-PROCESSJONI BIL-BAMBIN
5. XENA FAMILJARI FL-ANTIK, FID-DAR, LEJLET IL-MILIED, FEJN JIDHRU QAGHAQ TAL-GHASEL, LOGHOB BIL-GELLEWZ, PRESEPJU, TIFEL IMQAJJEM JGHODD IT-TOQOB TAL-GHARBIEL GHAX KIEN TWIELED F'NOFS IL-LEJL JEW LEJLET IL-MILIED.

## L-GHAQDA TAL-FOLKLOR

TWAQQFET FL-1964 BIL-GHAN LI GGIB IL-QUDDIEM L-INTERESS FIL-FOLKLOR LOKALI. KULL SENA TIPPUBLIKA "L-IMNARA" B'ARTIKOLI TA' NTERESS FOLKLORISTIKU. SHUBIJA HIJA £MI FIS-SENA LI TINKLUDI L-IMNARA. MIN JINTERESSAH JISTA' JIKTEB c/o 78, ST. TROPHIMUS STREET, SLIEMA.

